MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 5/2023 LM

**Adnan Abishag Gill**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Adnan Abishag Gill**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-18 ta' Jannar, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tal-intimata **Identity Malta Agency** [hawnhekk 'l-appellata'] tas-26 ta' Jannar, 2023 kien *fuori termine* u għalhekk ma ħa l-ebda konjizzjoni tiegħu.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent kien jinsab Malta abbażi ta' *Single Permit* li kien validu għall-perijodu bejn it-8 t'April, 2021 u t-30 ta' Mejju, 2022, għalkemm jirriżulta li huwa kien ilu jgħix Malta mit-12 t'April, 2018. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent mill-intimata fis-26 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrent ġie mgħarraf li applikazzjoni ppreżentata minnu fil-25 ta' Ottubru, 2021 sabiex jingħata permess uniku, ma setgħetx tiġi pproċessata mill-intimata, u dan għaliex l-intimata stabbiliet li r-rikorrent kien qiegħed Malta bi ksur tal-Artikolu 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u għalhekk dan kien qiegħed f'Malta bħala immigrant irregolari.

3. Ir-rikorrent fid-29 ta' Jannar, 2022 ippreżenta appell minn din id-deċiżjoni mal-Ministeru għall-Affarijiet Interni u s-Sigurtà Nazzjonali, Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, fejn spjega li huwa ċittadin tal-Pakistan li kien wasal Malta fit-12 t'April, 2018. Ir-rikorrent spjega li tul dan iż-żmien huwa kien qiegħed f'Malta abbażi ta' permess uniku ta' xogħol maħruġ minn dentity Malta Agency, wara li kien ġie aċċettat minn Malta Public Transport Services Operations Limited sabiex jaħdem magħha. Ir-rikorrent spjega li huwa kien jaħdem sigħat twal sabiex seta' jsostni l-familja tiegħu u lill-ġenituri tiegħu li ma jgħixux miegħu Malta, u minħabba f'dawn is-sigħat twal ta' xogħol huwa beda jsofri minn problemi ta' saħħa. Spjega li kien għalhekk li, kontra qalbu, kien irriżenja minn ma' Malta Public Transport Services Operations Limited f'Ġunju tal-2021, u kien sab impjieg alternattiv mal-kumpannija *eCabs* Malta, fejn is-sigħat kienu aktar flessibbli. Qal li hu ffirma l-kuntratt ma' din il-kumpannija fit-30 ta' Ġunju, 2021, u ħa ħsieb iħallas it-tariffa ta' €280 sabiex l-applikazzjoni tiegħu ma' Identity Malta Agency intimata setgħet tiġi pproċessata. Qal li dak iż-żmien hu ħass li

dan l-impjieg kien ideali għalih, u li l-permess tax-xogħol kien ser joħroġ fil-ħin. Qal iżda li bdew jgħaddu x-xhur, u sadanittant il-permess tax-xogħol tiegħu baqa' ma nħariġx. Qal ukoll li xi żmien wara sar jaf li l-applikazzjoni tiegħu, flimkien mal-kuntratt ta' xogħol li hu ffirma mal-*eCabs* baqgħu qatt ma ġew sottomessi li Identity Malta Agency mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-*eCabs.* Qal li fil-fatt l-applikazzjoni tiegħu ġiet ippreżentata f'Ottubru, 2021, u kien minħabba f'dan id-dewmien li huwa beda jiffaċċja l-konsegwenzi. Ir-rikorrent qal li huwa d-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-kumpannija li mar jaħdem magħha li għandu jwieġeb għas-sitwazzjoni li huwa jinsab fiha fil-preżent, u li minħabba f'din in-negliġenza hemm riskju li huwa jiġi ddeportat lura lejn pajjiżu, fejn il-ħsara finanzjarja li se jsofri taf tkun waħda irrimedjabbli. Qal ukoll li huwa l-uniku *breadwinner* tal-familja tiegħu, iżda minħabba f'din in-negliġenza jista' jkun li jkollu jirritorna lura lejn pajjiżu mingħajr impjieg, fejn ser tbati l-familja kollha tiegħu, inkluż uliedu li ma jkunux jistgħu jkomplu bl-edukazzjoni tagħhom, u lanqas ma jkun jista' jħallas għall-ispejjeż mediċi li għandhom il-ġenituri anzjani tiegħu. Qal ukoll li huwa jinsab taħt tensjoni kbira minħabba f'din l-inġustizzja kkawżata lilu. Qal ukoll li kemm ilu f'Malta huwa dejjem ħallas it-taxxi dovuti minnu u osserva l-liġi tal-pajjiż, u għalhekk talab li jingħata permess sabiex ikun jista' jaħdem f'post ieħor. Qal ukoll li huwa diġà sab impjieg alternattiv f'każ li l-pożizzjoni tiegħu tiġi regolarizzata. Ir-rikorrent talab ukoll li tiġi kkonsidrata d-dimensjoni umana tal-każ tiegħu, u qal li huwa inuman li huwa jiġi sfurzat iħalli Malta għaliex xi ħadd mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-*eCabs* Malta nesa jibgħat l-applikazzjoni bid-dettalji tiegħu lill-Identity Malta Agency qabel Ottubru tal-2021, u ttieħdet deċiżjoni dwar l-i*status* tiegħu qabel u mingħajr ma huwa ngħata d-dritt li jiddefendi lilu nnifsu. Qal ukoll

li hu ma jistax iħallas eluf ta' Euro biex jirritorna lura lejn pajjiżu f'nofs pandemija, u li ċirkostanza bħal din aktarx li ser taffettwa lilu u lill-kumplament tal-familja tiegħu għas-snin li ġejjin.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Jannar, 2023, il-Bord iddeċieda li l-appell intavolat mir-rikorrent kien *fuori termine* u li għalhekk m'għandha tittieħed l-ebda konjizzjoni ulterjuri tiegħu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***A. Preliminary***

*The Board:*

- *Saw that in virtue of a decision dated 26th January, 202, Identity Malta Agency stated that when, on 25th October, 2021, the appellant applied for a Single Permit, in virtue of S.L. 217.17, he was not in a state of compliance with Regulation 8(1) of S.L. 217.17;*
- *Saw that an appeal was registered on 7th March, 2022; and*
- *Saw that no reply from Identity Malta Agency was found in the relative file.*

***B. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that in the appeal, the appellant does not allege that he received the Agency's decision on a date other than 26th January, 2022. He does not allege, for example, that he received the Agency's decision far later than 26th January, 2022. The appellant failed to explain why he filed his appeal on 7th March, 2022, which was well beyond the time limit of three working days stipulated by Art. 25A of the Immigration Act.*

*As there is no indication that the appellant received the Agency's decision on some later date and as the appellant failed to explain why he filed his appeal over a month after the appealed decision was issued, the Board has no choice but to declare the appeal* fuori termine*.*

***C. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board declares the appeal* fuori termine, *and declines to take further cognisance thereof.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

5. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-23 ta' Jannar, 2023, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni fit-18 ta' Jannar, 2023 fl-ismijiet premessi minħabba li ma kinitx ġusta, u għalhekk talab li l-każ tiegħu jintbagħat mill-ġdid quddiem il-Bord sabiex jiġi kkoreġut żball amministrattiv li sar.

6. L-appellant spjega li filwaqt li huwa ġie infurmat bid-deċiżjoni tal-appellata tas-26 ta' Jannar, 2022, huwa ressaq l-appell tiegħu quddiem il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, fid-29 ta' Jannar, 2022. Qal li fl-1 ta' Frar, 2022 huwa bagħat it-talba tiegħu permezz ta' ittra reġistrata lill-istess Ministeru, sabiex l-appell tiegħu jiġi kkonsidrat. Qal ukolll li fis-7 ta' Marzu, 2022, l-istess Ministeru bagħat konferma li l-appell tal-appellant kien ġie riċevut, iżda għal xi raġuni inspjegabbli, ir-*rubber stamp* b'tali konferma taqra '12 ta' Frar, 2021'. L-appellant qal li huwa ovvju għalhekk li dan huwa frott ta' żball klerikali. Qal li kien ukoll minħabba tali żbalji amministrattivi, li l-Bord iddeċieda li l-appell tiegħu kien *fuori termine,* fid-deċiżjoni li ngħatat fit-18 ta' Jannar, 2023. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għamel

apprezzament żbaljat tal-konsiderazzjonijiet li kellu quddiemu minħabba l-iżball klerikali li kien sar mill-uffiċjali tal-Ministeru.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellata wieġbet li l-appell magħmul mill-appellant huwa null u inammissibbli stante li *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' dritt rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III. Qalet li l-appellant mhux persuna li jaqa' taħt it-Taqsima III tal-Att ladarba ma jirriżultax li huwa ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Żiedet tgħid illi jekk dik l-eċċezzjoni preliminari tagħha tiġi miċħuda, din il-Qorti għandha tikkonsidra li l-Bord kien korrett meta ddikjara li l-appell tal-appellant kien *fuori termine.* Qalet li mid-data tad-digriet tal-Bord annessa mar-rikors tal-appell, għandu jirriżulta li l-appell kien reġistrat mill-Bord fis-7 ta' Marzu, 2022, u dan meta d-deċiżjoni tagħha ngħatat fis-26 ta' Jannar, 2022. Qalet li l-fatt waħdu li l-appellant ippreżenta appell permezz ta' ittra datata d-29 ta' Jannar, 2022, mhux prova biżżejjed li l-appell ġie intavolat dakinhar tad-data tal-ittra u/jew permezz ta' din l-ittra. Qalet ukoll li appell bħal dan ma setax jiġi intavolat permezz ta' ittra li tintbagħat lill-Bord bil-posta, iżda billi persuna tippreżenta r-rikors tal-appell b'mod fiżiku u tmur personalment għand is-Segretarju tal-Bord. Qalet li kien fl-interess tal-appellant li jmur huwa stess jippreżenta l-appell jew li jaħtar persuna tal-fiduċja tiegħu sabiex tippreżenta l-appell f'ismu, u li jagħmel dan fit-terminu mogħti mil-liġi. Qalet li anki li kieku jista' jiġi ammess li appell bħal dan

jista' jintbagħat bil-posta, l-appellant stess qal li hu bagħat kopja tal-appell bil-posta reġistrata fl-1 ta' Frar, 2022, u għalhekk ċertament li dan l-appell ma wasalx quddiem il-Bord fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni. Qalet ukoll li terminu għall-preżentata ta' appell huwa wieħed perentorju, u ma jistax jiġi estiż għall-ebda raġuni, lanqas għal raġuni li tista' titqies li hija valida. Finalment l-appellata għamlet riferiment għad-deċiżjoni ta' Qorti barranija li jagħmel riferiment għaliha l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u qalet li din ma tagħmel l-ebda stat ta' fatt fuq il-liġi jew il-Qrati Maltin.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċida l-Bord, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula appellata fir-risposta tagħha. Iżda qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, il-Qorti sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellata, li tgħid li r-rikors tal-appell tal-appellant huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217. L-appellata tgħid li ladarba l-appellant mhux persuna li taqa' taħt it-Taqsima III tal-Att, l-appell tiegħu mhuwiex ammissibbli. L-artikolu 25A (8) Kap. 217 jipprovdi li:

> "Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri)."

9. Il-Qorti mhijiex disposta li taċċetta din il-linja ta' argumentazzjoni, għaliex ma tistax tiddikjara li l-appell huwa null qabel teżamina jekk fil-fatt l-appellant huwiex qiegħed leġittimament fit-territorju ta' Stat marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ser tingħata l-ġenb sabiex isiru l-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-appell imressaq mill-appellant.

10. L-appellant jgħid li huwa safa ppreġudikat minħabba fi żball klerikali meta uffiċjal impjegat fil-Ministeru ħa żball fid-data u għamel *rubberstamp* li tindika d-data tat-12 ta' Frar, 2021. L-appellant fil-fatt jibbaża r-rikors tal-appell tiegħu biss fuq dan l-aggravju, mingħajr ma spjega jekk fil-fatt din id-data affettwatx lill-Bord fid-deċiżjoni li kellu jieħu. Il-Qorti tgħid dan għaliex fil-fatt, il-Bord irrimarka li minkejja li l-appellant stess iddikjara li huwa sar jaf bid-deċiżjoni ta' rifjut tal-Aġenzija intimata fis-26 ta' Jannar, 2022, huwa ddeċieda li jintavola appell permezz ta' ittra mibgħuta bil-posta lill-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, u mhux direttament lill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Jirriżulta wkoll li l-appellant naqas milli jmur hu personalment, jew jippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu permezz ta' avukat tal-fiduċja tiegħu, u minflok għażel li jibgħat ittra bil-posta fid-29 ta' Jannar, 2022, għalkemm jidher li din l-ittra ġiet a konjizzjoni tal-Bord f'Marzu tal-istess sena. Il-Qorti, minkejja li hija konxja sew tad-dimensjoni umana ta' każijiet bħal dawn, fl-istess waqt mhijiex disposta li tilqa' l-appell tal-appellant abbażi tal-aggravju mressaq minnu, partikolarment meta anki l-ġurisprudenza li għażel li jiċċita fir-rikors tal-appell tiegħu qajla għandha rilevanza għall-mertu odjern jew għal Malta. Il-Qorti tqis l-aggravju tal-appellant huwa żbaljat, stante li ma jirriżultax li l-Bord kien qiegħed jikkonsidra d-data tat-12 ta' Frar, 2021 meta ddeċieda li l-appell huwa *fuori termine,* iżda

għandu jirriżulta li l-Bord kien qiegħed jirreferi għall-fatt li meta huwa ġie edott mir-rikors tal-appell tal-appellant, kienu laħqu għaddew ferm aktar mit-terminu ta' tliet ijiem lavorattivi mid-data tad-deċiżjoni tal-appellata, u kien biss għalhekk li l-appell tal-appellant ġie meqjus bħala *fuori termine.* In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk, il-Qorti tqis li l-aggravju mressaq mill-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**